L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' Marzu 2024 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-eżaminaturi għandhom isegwu l-proċedura ta' dan l-iskript biss, inklużi l-ħin ta' kull taqsima u l-mistoqsijiet. Għal skop ta' standardizzazzjoni, fl-ebda mument ma jistgħu joħorġu b'xi mistoqsijiet li mhux qegħdin f'dan l-iskript. L-eżaminaturi ma jistgħux jistaqsu mistoqsijiet personali u ma jistgħux jgħaddu kummenti fuq kif marru l-kandidati.

### IL-PROĊEDURA

**Il-preparazzjoni** - Din trid issir barra l-kamra tal-eżami.

L-inviġilaturi jagħżlu 2 titli minn 3 (din l-għażla għandha tinbidel għal kull kandidat/a) u juruhom lill-kandidati. Il-kandidati jkollhom 30 sekonda biex jagħżlu titlu. Malli l-kandidati jagħżlu titlu, l-inviġilaturi jagħtuhom it-test skont it-titlu magħżul u jgħidulhom li ma jistgħux jibdlu l-għażla tagħhom. Jgħidulhom ukoll li għandhom ftit ħin biex jaqraw f'qalbhom it-test marbut mat-titlu. Din il-karta għandha tingħata lura lill-inviġilaturi qabel il-kandidati jidħlu fil-kamra tal-eżami.

**L-introduzzjoni qasira**

**Malli jidħlu l-kandidati l-eżaminaturi jgħidu:**

L-għodwa t-tajba/Il-waranofsinhar it-tajjeb. Liema titlu għażilt?

**Il-qari b'vuċi għolja (2 minuti, 8 marki)**

L-eżaminaturi jitolbu lill-kandidati jaqraw b'vuċi għolja t-test li għażlu. F'każ li l-kandidati jdumu iktar minn 2 minuti biex jaqraw it-test sħiħ, l-eżaminaturi jwaqqfu din il-parti u jgħaddu għat-taqsima li jmiss. F'każ li l-eżaminaturi jaraw li l-kandidati qed ibatu ħafna biex jaqraw it-test, jistgħu jwaqqfu din it-taqsima wara 30 sekonda. Fl-ebda mument l-eżaminaturi ma jistgħu jgħinu lill-kandidati fil-qari.

**L-intervista (8 minuti, 12-il marka)**

Wara li jitlesta l-qari, l-eżaminaturi jkomplu jaqraw l-istqarrija u jkomplu bil-mistoqsijiet.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-ISKEMA TAL-MARKI TAL-ORAL

L-eżaminaturi għandhom jużaw din l-iskema tal-marki, maqsuma fi tnejn: waħda għall-qari b'vuċi għolja u l-oħra għall-intervista.

**A.**

| **Il-kompetenza fil-qari b'vuċi għolja** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| 1. | Kapaċi jippronunzjaw il-kliem b'Malti standard. | 0-2 |
| 2. | Kapaċi jaqraw bis-sens (jiġifieri jirrispettaw it-ton li hemm fis-silta). | 0-2 |
| 3. | Kapaċi jaqraw b'mod mexxej (jiġifieri jirrispettaw il-punteġġjatura). | 0-2 |
| 4. | Kapaċi jaqraw in-numri fis-silta. (Il-kandidati jieħdu l-marka jekk jaqraw iż-żewġ numri b'mod tajjeb.) | 0-2 |
| It-total | | 8 |

**B.**

| **Il-kompetenza fit-tweġib tal-mistoqsijiet tal-intervista** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| 1. | Kapaċi jużaw pronunzja standard. | 0-2 |
| 2. | Kapaċi jwieġbu b'mod relevanti kull mistoqsija. | 0-2 |
| 3. | Kapaċi jagħtu opinjoni/jiet u r-raġuni/jiet fuq it-tema. | 0-2 |
| 4. | Kapaċi jipotizzaw sitwazzjoni mit-tagħrif li jingħatalhom u joffru soluzzjoni/jiet possibbli. | 0-2 |
| 5. | Kapaċi jużaw Malti idjomatiku. | 0-2 |
| 6. | Kapaċi jużaw lessiku xieraq fid-diskors tagħhom. | 0-2 |
| It-total | | 12 |

Fit-taqsima tal-intervista l-kandidati ma jistgħux iġibu iżjed minn 6 marki jekk:

- il-Malti tagħhom huwa batut ħafna, jiġifieri miżgħud bi żbalji grammatikali u/jew lessikali (billi, ngħidu aħna, idaħħlu kliem mill-Ingliż mingħajr bżonn), u/jew ikunu qatgħu fil-qosor wisq it-tweġibiet tagħhom.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' Marzu 2024 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-EŻAMINATURI**

**Tema A: Il-mentalità kolonjali f'Malta**

L-istudjuż Charles Xuereb qal li fl-aħħar snin bena sensiela ta' argumenti xjentifiċi li juru li fost il-poplu Malti għad hawn mentalità kolonjali qawwija għax Malta għamlet kważi 200 sena taħt l-Ingliżi li telqu fl-1979. "Aħna storikament l-Imperu Ingliż kien l-aħħar potenza li kellna fuqna u awtomatikament, anke mingħajr ma nafu, ħalla influwenza kbira fuqna li ħolqitilna mentalità kolonjali. Jiġifieri aħna bqajna bl-idea li l-meta sirna kolonja kienet xi barka kbira, mentri ħafna soċjetajiet madwar id-dinja raw il-kolonjaliżmu bħala reat kriminali. Għax il-kolonjaliżmu huwa meta jiġi pajjiż li għax huwa iktar b'saħħtu minnek, jeħodlok l-art tiegħek u jikkmandak f'darek stess. Aħna bqajna naraw lill-Ingliżi, jew għax nitkellmu bl-Ingliż, jew għax iżżewwiġna lill-Ingliżi, bħala ħaġa sabiħa."

*(Silta addattata minn*: "Bqajna bl-idea li l-kolonja Ingliża kienet xi barka kbira"*, 31 ta' Diċembru 2022; www.tvmnews.mt)*

Qabel jibdew il-mistoqsijiet l-eżaminaturi jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs.

L-eżaminaturi jgħidu:

**Int għażilt li titkellem fuq il-mentalità kolonjali f'Malta. Fis-silta li qrajt, insibu dan li ġej: "...fost il-poplu Malti għad hawn mentalità kolonjali qawwija."**

1. **Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**
2. **Taħseb li għal ħafna Maltin il-perjodu li għamilna bħala kolonja Ingliża għadu jinħass bħala barka? Għaliex?**
3. **Għaliex taħseb li f'ħafna pajjiżi l-kolonjaliżmu jidher bħala reat kriminali?**
4. **X'taħseb li jġiegħel lil xi Maltin jaħsbu li l-kolonjaliżmu kien xi ħaġa tajba għal pajjiżna?**
5. **X'taħseb li jista' jsir biex il-mentalità kolonjali tonqos f'pajjiżna?**
6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' Marzu 2024 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

**Tema B: Il-ħtieġa tal-attività fiżika**

Waqt li kien għaddej il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar f'pajjiżna, meta Malta kienet diġà rebħet għadd sabiħ ta' midalji, il-kowċ tal-atletika Xandru Grech tkellem dwar il-fiduċja tal-atleti Maltin fihom infushom u l-ħeġġa biex jikkompetu fix-xena internazzjonali. Dan ifisser li Malta kienet diġà kisret ir-rekord ta' 11-il midalja tad-deheb li kienet waqqfet 20 sena qabel. Fil-kuntest ta' dan is-suċċess nazzjonali, il-Ministru tal-Isport Clifton Grima appella biex aktar Maltin u Għawdxin imorru jitħarrġu fil-faċilitajiet sportivi f'pajjiżna. Min-naħa l-oħra, id-Direttur tal-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport fl-Università ta' Malta qal li l-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel tintroduċi lit-tfal għall-moviment, għall-kompetenza u l-kunfidenza bil-għan li jibqgħu attivi għal għomorhom. Barra minn hekk, l-attività fiżika tistimula lill-moħħ. Għalhekk, f'Malta għaddej proġett pilota biex tibda ssir tal-anqas nofs siegħa edukazzjoni fiżika kuljum fl-iskejjel.

*(Silta addattata minn*: "L-Atleti Maltin saru jemmnu fihom infushom"*, 2 ta' Ġunju 2023; www.tvmnews.mt)*

Qabel jibdew il-mistoqsijiet l-eżaminaturi jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs.

L-eżaminaturi jgħidu:

**Int għażilt li titkellem fuq il-ħtieġa tal-attività fiżika. Fis-silta li qrajt, insibu dan li ġej: "l-attività fiżika tistimula lill-moħħ."**

1. **Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**
2. **Għaliex taħseb li l-atleti Maltin saru jemmnu iktar fihom infushom?**
3. **X'taħseb dwar il-proġett li t-tfal jibdew jagħmlu nofs siegħa sport kuljum fl-iskejjel? Għaliex?**
4. **Taħseb li l-Maltin huma konxji biżżejjed dwar il-benefiċċji tal-isport? Għaliex?**
5. **X'taħseb li jista' jsir biex il-Maltin jitħajru jipprattikaw xi sport?**
6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' Marzu 2024 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-EŻAMINATURI**

**Tema Ċ: L-iżvilupp tal-bini għad-detriment tal-ambjent**

Waqt is-7 edizzjoni tal-Premju Buonamico, li jingħata lil dawk li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, il-President tar-Repubblika qal li huwa jifhem li l-iżvilupp tal-bini huwa bżonjuż. Madankollu dan m'għandux isir b'detriment għall-ambjent naturali. L-aktar element komuni bejn it-3 rebbieħa tal-Premju huwa l-insistenza tagħhom fuq l-importanza tal-edukazzjoni. Permezz tal-ħidma edukattiva tagħhom, ġenerazzjonijiet ġodda ser ikunu jistgħu jagħtu sehemhom fl-ikbar sfida li qegħdin inħabbtu wiċċna magħha, dik tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. Għax jekk ma nreġġgħux il-ħsara lura, uliedna u wlied uliedna ser jaffaċċjaw sfidi u taqlib kbir. Il-President wissa li "hemm bżonn liġijiet stretti, u ħarsien bis-serjetà tal-ambjent u l-patrimonju tagħna. L-abbuż u t-traskuraġni jridu jinqatgħu."

*(Silta addattata minn*: "L-iżvilupp tal-bini bżonjuż imma mhux għad-detriment tal-ambjent naturali"*, 4 ta' Novembru 2023; www.tvmnews.mt)*

Qabel jibdew il-mistoqsijiet l-eżaminaturi jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs.

L-eżaminaturi jgħidu:

**Int għażilt li titkellem fuq l-iżvilupp tal-bini għad-detriment tal-ambjent. Fis-silta li qrajt, insibu dan li ġej: "... l-iżvilupp tal-bini huwa bżonjuż. Madankollu dan m'għandux isir b'detriment għall-ambjent naturali."**

1. **Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**
2. **Taqbel li l-edukazzjoni hija importanti fejn jidħol il-ħarsien tal-ambjent? Għaliex?**
3. **Liema tip ta' sfidi u taqlib taħseb li se taffaċċja l-ġenerazzjoni ta' warajna jekk ma niħdux passi fuq il-ħsara li saret diġà?**
4. **Taħseb li l-Maltin jiħduha bis-serjetà t-theddida fuq l-ambjent? Għaliex?**
5. **X'tip ta' liġijiet taħseb li jistgħu jsiru biex f'Malta nibdew nieħdu ħsieb l-ambjent bis-serjetà?**
6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' Marzu 2024 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

# Tema A: Il-mentalità kolonjali f'Malta

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Tema A: Il-mentalità kolonjali f'Malta**

L-istudjuż Charles Xuereb qal li fl-aħħar snin bena sensiela ta' argumenti xjentifiċi li juru li fost il-poplu Malti għad hawn mentalità kolonjali qawwija għax Malta għamlet kważi 200 sena taħt l-Ingliżi li telqu fl-1979. "Aħna storikament l-Imperu Ingliż kien l-aħħar potenza li kellna fuqna u awtomatikament, anke mingħajr ma nafu, ħalla influwenza kbira fuqna li ħolqitilna mentalità kolonjali. Jiġifieri aħna bqajna bl-idea li l-meta sirna kolonja kienet xi barka kbira, mentri ħafna soċjetajiet madwar id-dinja raw il-kolonjaliżmu bħala reat kriminali. Għax il-kolonjaliżmu huwa meta jiġi pajjiż li għax huwa iktar b'saħħtu minnek, jeħodlok l-art tiegħek u jikkmandak f'darek stess. Aħna bqajna naraw lill-Ingliżi, jew għax nitkellmu bl-Ingliż, jew għax iżżewwiġna lill-Ingliżi, bħala ħaġa sabiħa."

*(Silta addattata minn*: "Bqajna bl-idea li l-kolonja Ingliża kienet xi barka kbira"*, 31 ta' Diċembru 2022; www.tvmnews.mt)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' Marzu 2024 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

# Tema B: Il-ħtieġa tal-attività fiżika

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Tema B: Il-ħtieġa tal-attività fiżika**

Waqt li kien għaddej il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar f'pajjiżna, meta Malta kienet diġà rebħet għadd sabiħ ta' midalji, il-kowċ tal-atletika Xandru Grech tkellem dwar il-fiduċja tal-atleti Maltin fihom infushom u l-ħeġġa biex jikkompetu fix-xena internazzjonali. Dan ifisser li Malta kienet diġà kisret ir-rekord ta' 11-il midalja tad-deheb li kienet waqqfet 20 sena qabel. Fil-kuntest ta' dan is-suċċess nazzjonali, il-Ministru tal-Isport Clifton Grima appella biex aktar Maltin u Għawdxin imorru jitħarrġu fil-faċilitajiet sportivi f'pajjiżna. Min-naħa l-oħra, id-Direttur tal-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport fl-Università ta' Malta qal li l-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel tintroduċi lit-tfal għall-moviment, għall-kompetenza u l-kunfidenza bil-għan li jibqgħu attivi għal għomorhom. Barra minn hekk, l-attività fiżika tistimula lill-moħħ. Għalhekk, f'Malta għaddej proġett pilota biex tibda ssir tal-anqas nofs siegħa edukazzjoni fiżika kuljum fl-iskejjel.

*(Silta addattata minn*: "L-Atleti Maltin saru jemmnu fihom infushom"*, 2 ta' Ġunju 2023; www.tvmnews.mt)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 18 ta' Marzu 2024 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

# Tema Ċ: L-iżvilupp tal-bini għad-detriment tal-ambjent

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Tema Ċ: L-iżvilupp tal-bini għad-detriment tal-ambjent**

Waqt is-7 edizzjoni tal-Premju Buonamico, li jingħata lil dawk li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, il-President tar-Repubblika qal li huwa jifhem li l-iżvilupp tal-bini huwa bżonjuż. Madankollu dan m'għandux isir b'detriment għall-ambjent naturali. L-aktar element komuni bejn it-3 rebbieħa tal-Premju huwa l-insistenza tagħhom fuq l-importanza tal-edukazzjoni. Permezz tal-ħidma edukattiva tagħhom, ġenerazzjonijiet ġodda ser ikunu jistgħu jagħtu sehemhom fl-ikbar sfida li qegħdin inħabbtu wiċċna magħha, dik tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. Għax jekk ma nreġġgħux il-ħsara lura, uliedna u wlied uliedna ser jaffaċċjaw sfidi u taqlib kbir. Il-President wissa li "hemm bżonn liġijiet stretti, u ħarsien bis-serjetà tal-ambjent u l-patrimonju tagħna. L-abbuż u t-traskuraġni jridu jinqatgħu."

*(Silta addattata minn*: "L-iżvilupp tal-bini bżonjuż imma mhux għad-detriment tal-ambjent naturali"*, 4 ta' Novembru 2023; www.tvmnews.mt)*

**(Total: 20 marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**Il-Lingwa u l-Lingwistika**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA**

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Il-vjolenza kontra n-nisa fid-diversi forom tagħha hija pjaga dinjija u pajjiżna mhux meħlus minnha. Taħseb li din il-problema tittieħed bis-serjetà li jistħoqqilha mill-awtoritajiet? X'inhu l-għerq tal-problema? X'mentalità jeħtieġ li nrawmu biex il-mara tiġi ttrattata bir-rispett u d-dinjità li jixirqulha? Iddiskuti.

**JEW**

2. L-intelliġenza artifiċjali biddlet ix-xenarju li konna mdorrijin bih u ħolqot opportunitajiet li bilkemm konna noħolmuhom. Qanqlet ukoll problemi ġodda, fosthom li ċajpret id-differenza bejn dak li hu reali u dak li mhux. L-aħbarijiet li nisimgħu, ir-ritratti li naraw, u l-informazzjoni li tiġi f'idejna rridu ngħarbluhom aktar minn qabel. Iddiskuti.

**JEW**

3. F'pajjiżna persuni ta' sittax-il sena mhux biss jistgħu jivvutaw imma wkoll joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u jinħatru sindki. Hemm min isostni li dan m'għandux ikun għax quddiem il-liġi ma jitqisux adulti. Oħrajn jgħidu li ta' dik l-età ma jkunux jafu x'tagħti l-ħajja. Imma hemm min jaqbel li biex jinbidlu l-affarijiet, iż-żgħażagħ iridu jingħataw iktar ċans. Iddiskuti billi tagħti l-argumenti tiegħek.

**JEW**

4. X'bidliet tixtieq tara f'pajjiżna biex ingawdu kwalità ta' ħajja aħjar? X'hawn f'Malta li fil-fehma tiegħek jeħtieġ jinbidel illum qabel għada? X'nistgħu nsaħħu? X'attitudnijiet jew sistemi hemm bżonn nintroduċu? Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B: IL-QARI**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Minkejja li t-tibdil fil-klima huwa theddida eżistenzjali għall-pjaneta tagħna, ir-reżistenza għall-miżuri kontra dan il-fenomenu qed tiżdied, speċjalment fi wħud mill-aktar pajjiżi żviluppati li tradizzjonalment kienu fuq quddiem fil-kuxjenza favur l-ambjent. (par. 1)

Fl-2023 il-Prim Ministru tar-Renju Unit biddel ir-rotta dwar miżuri ambjentali ewlenin. Fl-istess sena fil-Ġermanja twarrbu pjanijiet li kien hemm dwar regolamenti li jiffavorixxu tisħin tad-djar li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent. Fl-Olanda, partit tal-lemin li bla mistenni kiseb appoġġ qawwi fl-aħħar elezzjonijiet, fil-manifest tiegħu wera l-intenzjoni li jinħall mill-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. U fl-Istati Uniti din il-kwistjoni taħraq qed tiżviluppa fi gwerra kulturali. Trump qal li ma tistax taġevola lill-ħaddiema Amerikani u timbotta miżuri ekoloġiċi fl-istess nifs, u li Joe Biden u l-"ambjentalisti mġienen" se jeqirdu l-industrija tal-karozzi bil-politika tagħhom dwar it-tibdil klimatiku. (par. 2)

Dan kollu jqanqal tħassib serju. Id-dinja kif se taqta' l-emissjonijiet u tillimita t-tisħin globali għal żieda ta' 1.5 gradi Celsius biss jekk uħud mill-akbar ekonomiji mhumiex iqisu r-responsabbiltajiet tagħhom favur l-ambjent? Imma jekk irridu li l-gvernijiet jibqgħu kommessi li jieħdu azzjoni dwar il-klima u fl-istess ħin ma jitilfux l-appoġġ tal-pubbliku, irridu nistħarrġu mnejn ġejja din ir-reżistenza. (par. 3)

Huwa kollu minnu li d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija għall-ewwel se ġġib magħha ċerta skumdità. Biex l-emissjonijiet netti jitniżżlu għal żero jridu jsiru sagrifiċċji u spejjeż konsiderevoli minn qabel. Parti mir-raġuni għar-reżistenza kontra l-politika ekoloġika hija li ċ-ċittadini komuni jkollhom jassorbu piżijiet finanzjarji addizzjonali u jaċċettaw bidliet konsiderevoli f'ħajjithom li diġà hija magħsura biżżejjed. Barra minn hekk, minħabba avvenimenti reċenti bħall-gwerra fl-Ukrajna u l-kunflitt f'Gaża, l-inflazzjoni u l-prezzijiet għoljin f'ħafna pajjiżi komplew għarrqu s-sitwazzjoni. M'għandniex għax nistagħġbu li ċ-ċittadini ma għandhom ebda ħajra li jonfqu iktar fuq karozzi elettriċi jew li jiffinanzjaw il-politika ekoloġika bit-taxxi tagħhom. Fi kliem ieħor, in-nies mhumiex kontra l-miżuri fihom infushom. Iktar qed jinkwetaw dwar il-piż finanzjarju li jridu jerfgħu u dwar it-tibdil fl-istil ta' ħajjithom. Imma b'xorti ħażina, politiċi populisti qed jinqdew bl-inkwiet taċ-ċittadini komuni biex jimmanipulawhom u jkomplu jrewħu kontra l-politika ekoloġika. (par. 4)

Il-populiżmu ilu mhux ħażin li reġa' beda jerfa' rasu. F'għadd ta' demokraziji sinjuri qegħdin naraw xejra inkwetanti: qed tiżdied il-polarizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar diversi materji, fosthom it-tibdil fil-klima, u l-firda jinħass li qed tikber. Din hija opportunità tad-deheb għall-politiċi populisti, għax jaqbdu ma' problemi ġenwini, bħall-għoli tal-ħajja, u jinsinwaw li l-partiti tax-xellug moħħhom fl-ambjent u ma jimpurtahomx miċ-ċittadini komuni, li spiss jiddependu mill-karozza u aktar iħabblu rashom fuq jekk il-paga twassalx sal-aħħar tax-xahar milli fuq xi ideali ambjentali għoljin. Aspett ieħor tal-populiżmu huwa l-indifferenza lejn l-esperti. Stħarriġ reċenti juri li 87% tal-partitarji ta' Biden jemmnu li t-tibdil fil-klima joħolqu l-bniedem, waqt li 21% biss mis-segwaċi ta' Trump jaqblu ma' dan. Diffiċli tikkonvinċi lil xi ħadd li ma jridx jisma' xi jgħidu l-esperti u li ma joqgħodx fuq l-evidenza xjentifika. Barra minn hekk, il-populisti jiskreditaw l-istituzzjonijiet internazzjonali u meta pajjiż jingħalaq fih innifsu ftit ikun hemm ċans li jikkopera fil-fora dinjin dwar kwistjonijiet bħat-tibdil klimatiku. (par. 5)

Dan ma jfissirx li ma jista' jsir xejn. Il-gvernijiet għandhom strateġiji effettivi għad-dispożizzjoni tagħhom, jekk iridu jindirizzaw din ir-reżistenza. L-iktar waħda importanti hija l-edukazzjoni li

tista' tqajjem kuxjenza dwar l-urġenza ta' din il-problema u dwar l-impatti tat-tibdil klimatiku billi tikkoreġi ideat skorretti. Ngħidu aħna, waqt li miżuri ekoloġiċi jitolbu investiment qawwi, mhux bilfors li ċ-ċittadini jogħlewlhom il-kontijiet. Il-gvern jista' joħroġ fondi u sussidji biex jgħin f'din it-tranżizzjoni. U tassew li l-prezz tat-teknoloġija ekoloġika huwa ogħla, imma fuq tul ta' żmien dak li jiġi ffrankat se jkun ikbar min-nefqa tal-bidu. Il-komunikazzjoni mal-pubbliku hija kruċjali f'dan ir-rigward. Il-gvernijiet għandhom ukoll jikkonsidraw l-introduzzjoni ta' inċentivi favur għażliet ekoloġiċi u mhux sempliċiment jimponu l-multi. Jekk il-bidla ssir gradwalment u b'mod maħsub, iċ-ċittadini ma jdumux ma jibdew imissu b'idejhom il-benefiċċji ta' dan it-tibdil. (par. 6)

Permezz tal-edukazzjoni, ta' inċentivi finanzjarji u tal-implimentazzjoni ta' politika ppjanata kif imiss, nistgħu naslu, basta jinħoloq bilanċ bejn is-serħan il-moħħ fost iċ-ċittadini u l-impenn kontinwu biex jintlaħqu miri ambjentali fit-tul. L-isfida mhix biss li jitfasslu miżuri adattati imma wkoll li jintrebħu l-qlub u l-imħuħ tan-nies biex l-azzjoni klimatika tibqa' l-prijorità globali ta' kulħadd, irrispettivament mit-tibdil politiku. (par. 7)

*(Adattata mill-artiklu "Is there a growing resistance to climate change policies?" ta' Kara Anderson li deher fis-sit greenly-earth f'Novembru 2023.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Skont is-silta, iċ-ċittadini jirreżistu l-iktar il-politika dwar it-tibdil fil-klima għax:

   a. ma jifhmuhiex.
   b. tbiddlilhom il-mod kif jgħixu.
   ċ. ma jafdawx lill-politiċi.
   d. ma jimpurtahomx mill-ambjent.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba**.** (4)

   a. Il-kelma **taġevola** fis-sentenza: "Trump qal li ma tistax taġevola l-ħaddiema Amerikani u timbotta miżuri ekoloġiċi fl-istess nifs, u li Joe Biden u l-'ambjentalisti mġienen' se jeqirdu l-industrija tal-karozzi bil-politika tagħhom dwar it-tibdil klimatiku." (par. 2) tfisser:
      i. tiffavorixxi
      ii. tiġbed lejk
      iii. tinfluwenza
      iv. taljena

   b. L-espressjoni **kollu minnu** fis-sentenza: "Huwa kollu minnu li d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija għall-ewwel se ġġib magħha ċerta skumdità." (par. 4) tfisser:
      i. oriġinali
      ii. magħruf
      iii. maħsub
      iv. veru

   ċ. L-espressjoni idjomatika **jerfa' rasu** fis-sentenza: "Il-populiżmu ilu mhux ħażin li reġa' beda jerfa' rasu." (par. 5) tfisser:
      i. jopponi
      ii. jikkumplika ruħu
      iii. jissaħħaħ
      iv. jinbet

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

d. Il-kelma **kruċjali** fis-sentenza: "Il-komunikazzjoni mal-pubbliku hija kruċjali f'dan ir-rigward." (par. 6) tfisser:
   i. importanti
   ii. indispensabbli
   iii. urġenti
   iv. definittiva

3. Ikteb taqsira ta' bejn **80 u 90 kelma** dwar il-karatteristiċi tal-populiżmu u kif dawn jolqtu l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna singular. (5)

4. Semmi **ŻEWĠ** fatturi li juru li l-ġlieda favur l-ambjent hija qabelxejn ġlieda għall-opinjoni pubblika. (3)

5. Fis-silta jingħad li l-miżuri ekoloġiċi ma jintlaqgħux tajjeb jekk iċ-ċittadini jibżgħu li se jiżdidulhom l-ispejjeż. Sib **ŻEWĠ** soluzzjonijiet li ssemmi l-awtriċi għal dan u ssuġġerixxi kif jistgħu jitqiegħdu fil-prattika. (3)

6. Fl-aħħar paragrafu, l-awtriċi tinqeda bil-frażijiet "l-impenn kontinwu" u "miri ambjentali fit-tul". X'taħseb li hu s-sinifikat tagħhom u kif jintrabtu mal-bqija tal-artiklu? (3)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. Il-morfoloġija tal-Malti hija mera tal-influwenzi lingwistiċi differenti li ġarrab ilsienna matul elf sena ta' storja. Iddiskuti u agħti eżempji xierqa biex issaħħaħ din l-istqarrija. Dawn l-eżempji tista' tippreżentahom f'tabella bħala parti mit-tweġiba tiegħek.

**JEW**

2. Iddiskuti kif il-lessiku tal-Malti jikxef l-għejun li minnhom xorbot il-lingwa tul l-istorja tagħha. Irreferi għall-klassifikazzjonijiet lessikali ewlenin u saħħaħ kulma tgħid b'eżempji adattati.

**(Total: 20 marka)**

AM22/II.24m

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2024 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (A)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Iddiskuti l-lingwaġġ li jidher kontradittorju u x-xbihat b'saħħithom fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* ta' Oliver Friggieri.

**JEW**

2. Il-mewt tissemma spiss fil-poeżiji ta' Oliver Friggieri. Iddiskuti l-perspettivi li minnhom hi ppreżentata fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. F'xi poeżiji ta' Simone Galea nsibu figura li tiġi indirizzata direttament, anke jekk l-identità tagħha tibqa' mistura. Iddiskuti b'rabta mal-poeżiji fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*.

**JEW**

2. Fil-poeżiji tagħha f'*Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea sikwit tuża l-mistoqsijiet biex tirrifletti fuq kwistjonijiet differenti. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA**

**Agħżel silta WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b'liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.**

(i)

Bla ma trid, kull komunikazzjoni ma' ħuk tqajjem fik sens ta' diżorjentament li jiddisturbak. Dak it-tifel li darba waħda trabbejt miegħu, issa huwa barrani għalik. Skonoxxut. "An acquaintance". Iżda mhux skonoxxut kwalunkwe, għax miegħu qsamt is-snin formattivi ta' ħajtek, il-burraxki kollha. U għax f'das-snin kollha, minn dak iż-żmien 'l hawn, jekk qattajtu jumejn flimkien (meta kien l-aħħar? L-2002?), tant kienu ħadu toroq differenti ħajjitkom wara li telaq missierkom, id-distanza bejnietkom tinħass ikbar. Mhux biss ġeografikament (inti l-Ewropa, huwa l-Asja) iżda iktar u iktar id-distanza bejn il-mod kif tindirizzaw lil xulxin, qiskom ħbieb antiki, aħwa, u r-realtà tar-relazzjoni bierda u distanti tagħkom. F'dawk il-komunikazzjonijiet kollha li tul is-snin kellkom ma' xulxin, li kieku qatt għaddejtu mqar kumment żgħir dwar il-mod kif inbdiltu, it-tnejn li intom, b'mod differenti, u kif kontu sirtu stranġieri għal xulxin, kważi kważi mingħajr ma jiddispjaċikom, qisu hekk kellu jkun. "Truth be told", kontu komdi b'dan l-arranġament, għax li kieku kellkom toqorbu lejn xulxin, kontu ssiru tafu 'l xulxin wisq bħala adulti, u żgur kienu se jinkixfu sigrieti li aħjar jibqgħu mirduma taħt snin ta' separazzjoni, skiet u indifferenza.

Iżda fl-istess waqt, memorji ta' ħafna snin ilu ma jintesewx kif ġieb u laħaq. Bla ma trid jibqgħu jiddu ċari fil-moħħ, u bla ma trid, tibqa' marbut ma' dal-bniedem, Simon, ħuk. Wara kollox, trid jew ma tridx, huwa kien attur prinċipali fid-drama tat-tfulija tiegħek. Għalhekk, għax ridt tkompli tagħmel il-parti tiegħek f'dir-reċta, bgħattlu tweġiba lil dan il-bniedem, dan it-taparsi ħabib antik, u fil-messaġġ tiegħek l-ewwel ħaġa li għidtlu kienet biex ma jħossux ħati talli ma ġiex għall-funeral tal-mamà, għax ma kellux għażla oħra. Kollox kien ġara ħabta u sabta, u żgur li fehmet, *mill-ġenna*.

Fil-verità din kienet nofs gidba. Waħda mill-aħħar affarijiet li qaltlek il-mamà fuq it-telefown ġimgħa qabel ma mietet, kienet li xtaqet li Simon iċemplilha iżjed ta' spiss, mhux darba kull tliet xhur pressappoco.

"He's an angry young man, your brother. I wish he would calm down. I think he still can't forgive Richard for leaving," ftakartha tgħidlek iżjed minn darba.

(Mir-rumanz ta' Alex Vella Gera, *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi)*

**JEW**

(ii)

Milied tat-teatrini. Int, jien u ħutek (b'uliedhom, ovvjament) għand ommok. Ma nafx kemm-il darba kont se niżbroffa l-aħħar, imma għalaqt ħalqi u lbist tbissima "tal-okkażjoni" biex ma nħassarx festi. Li kien għalija, ħratt Pariġi, bard u mhux bard, folol u mhux folol. Imma int tant kont komdu f'dik il-fosdqa ta' familtek li bdejt ġej b'ħafna kawteli biex ma noħorġux il-ħin kollu.

Bl-iskuża tax-xogħol, ftehemna li jien nitlaq lura erbat ijiem qablek.

Twassalni sal-istazzjon tal-ferrovija bil-karozza t'ommok. Tipparkja ħdejn erba' skips taż-żibel quddiem supermarket ġdid fjamant jgħammex. Ġiex ġitani, mara u raġel, iqallbu fl-iskips, ilaqqtu ż-żibel għall-ikel li ntrema għax skadut imma li għadu jista' jittiekel. Qishom aħna t-tnejn, infittxu xi ħaġa xi nsalvaw fid-debris ta' din ir-relazzjoni. Imqar farka. Bid-differenza li int u jien m'għadniex nafu nidħqu u niċċajtaw bħalhom.

Nafu, it-tnejn li aħna, li minn moħħna għaddej l-istess ħsieb. Imma nibqgħu siekta.

Nafu, it-tnejn li aħna, li f'din ir-relazzjoni m'għadniex tnejn. Sirna tlieta – int, jien u s-silenzju. Mhux dak is-silenzju tal-bidu, artab u komdu, li kien jieħu post il-kliem, li kien kapaċi jfisser mitt darba aħjar mill-kliem il-kuntentizza bellusija li kienet tinfirex fina kull darba li nkunu mqar maġenb xulxin. U lanqas huwa s-silenzju li darba kultant kien jiġi jinfilsa ruħu bejnietna wara argument imbagħad bħal idub f'daqqa b'ħarsa jew tbissima jew tgħanniqa jew kelma nkejjuża. Le, dan silenzju ieħor, tqil u goff u jintiegħem differenti, silenzju li trakka magħna ta' veru sakemm spiċċa jgħix taħt is-saqaf tagħna, jaqsam magħna sal-iktar mumenti intimi, jiekol, joħroġ, iqum u jorqod magħna.

Nerġa' ngħidlek li m'hemmx għalfejn takkumpanjani sa ġewwa l-istazzjon, u int terġa' tinsisti li l-affarijiet ma jmorrux hekk. "Għandek basket tqil, ħallini ngħinek iġġorru." Naf li għalxejn nargumenta.

Fuq il-quai, in-nervi jġegħluni kważi noqmos. Hekk kif it-tren fl-aħħar jippostja ruħu b'erba' skossi u tqanżiħa fuq il-binarji u n-nies jibdew jitħarrku f'ġeġwiġija, tgħannaqni tgħanniqa li kważi taħsadni. Nitla' fuq ponot subgħajja, ngħolli ħarira rasi lejk. Inti tilwi kemxejn għonqok, tbaxxi rasek. Dal-ġest tgħallimnieh bl-amment tant li kważi jinħass mekkaniku. Imma llum differenti. Illum qed inbus 'il-barrani li rġajt sirt, u int qed tbus l-istranġiera li bqajt ma fhimtx u li spiċċat żgiċċatlek biż-żmien. It-tnejn li aħna nafu. F'dik il-bewsa twila nofs sekonda, f'dik il-bewsa togħma ta' tislima tal-aħħar, hemm merfugħ il-kliem kollu li xi darba ntqal u dak li qatt mhu se jintqal. Għax erbat ijiem oħra, meta se terġa' lura d-dar, se ssib kollox eżatt kif ħallejtu, kollox f'postu, anki s-silenzju. Kollox se ssib, ħlief lili.

(Min-novella ta' Nadia Mifsud, "Métro, Boulot, Dodo" fl-antoloġija *Żifna f'Xifer Irdum)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 13 ta' Mejju 2024 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (B)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IR-RUMANZ**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Ir-rumanz *Ħelsien* għandu tmiem miftuħ, fejn Feliċ jinħeles b'mod sorprendenti imma nibqgħu mingħajr għeluq komplut għall-istorja. Xi jfisser dan fid-dawl ta' kif jiżviluppaw il-ġrajja u l-karattri?

**JEW**

2. L-ambjentazzjoni ta' *Ħelsien* tista' tagħti diversi spunti dwar il-ħajja Maltija, id-differenzi bejn il-klassijiet u l-istorja tal-pajjiż. Uri dan b'eżempji min-nisġa tar-rumanz u l-iżvilupp tal-ġrajja tal-karattri.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IN-NOVELLI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. F'*Xemgħat*, Trevor Żahra sikwit juża oġġett inanimat bħala punt tat-tluq għar-rakkont, li jispiċċa donnu jieħu l-ħajja jew tifsira simbolika. Uri dan b'eżempji.

**JEW**

2. It-titli ta' bosta min-novelli f'*Xemgħat* jindikaw l-oġġett, il-karattru jew il-karatteristika partikolari li jdur magħhom il-plott tar-rakkont. Uri b'eżempji kif l-awtur jirnexxilu joħloq u jagħlaq storja bis-saħħa tal-użu ta' suġġett ċentrali.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Id-drammi ta' Ebejer spiss huma mnebbħa minn perjodu storiku partikolari imma jkollhom xorta waħda dimensjoni universali li tmur lil hinn miż-żmien. Iddiskuti din l-istqarrija b'eżempji minn *Karnival*.

**JEW**

2. F'*Karniva*l, Ebejer juża festa sabiex joħroġ tifsiriet oħra li jmorru lil hinn mill-ġrajja speċifika. Xi rwol għandu l-Karnival u r-ritwali tiegħu fl-iżvilupp tal-karattri tad-dramm u tal-ideat li joħorġu minnu?

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.